**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAL-1 ta' Marzu, 2002.**

**Citazzjoni numru 378/00**

Lufthansa German Airlines
Vs.
Clausjuergen Moeller

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li bih is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici ghas-somma ta' elf mija u sebgha liri Maltin (Lm1,107) rapprezentanti hlas dovut mill-konvenut bhala prezz ta' biljetti tal-ajru mibjugha lilu mis-socjeta attrici fuq ordni u inkarigu specifiku tal-konvenut stess kif jirrizulta mid-dokument hawn anness, markat Dok. A;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas il-konvenut baqa inadempejenti;

Illi il-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u is-socjeta atrici kkonfermat il-kreditu b'Affidavit a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u li fil-fehma taghha l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet ghalhekk lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf mija u sebgha liri Maltin (Lm1,107) lis-socjeta attrici;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Marzu, 1999 u bl-imghax u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqsu li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa kontumaci;

Rat in-nota tas-socjeta attrici li biha cediet is-sorte stante pagament tieghu lis-socjeta attrici u zamet ferm il-kap tal-ispejjes;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici

Tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici stante rinunzja da parti tas-socjeta attrici u fil-kontumacja tal-konvenut tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-is-socjeta attrici l-ispejjes kollha ta' din il-kawza .

**Imhallef**

**Dep. Registratur**